MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR. CASSAR JOSEPH LL.D.

Seduta ta' 16 ta' Ottubru, 2002

Numru. 536/2001

**Il-Pulizija**
(Spettur Abraham Zammit)

**vs**

**Tahar Trabelsi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Tahar Trabelsi ta’ 40 sena bin Ramdhan u Salma nee’ Suboi imwieled Tunizija fl-20 ta’ Frar 1962, residenti fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 11163 (A), talli:

bejn it-13 ta’ Settembru 2000 u s-6 ta’ Settembru 2001 bhala persuna li nizlet jew imbarka f’ malta naqas li jkollu fil-pussess tieghu pass0aport u naqas li jaghti lill-Ufficcjal principali ta’ l-Immigrazzjoni l-Informazzjoni preskritta u

dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficcjal Principali ta' L-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jehtieg u dan bi ksur ta' l-Artik0lu 28 tal-Kapitolu 217.

Semghet ix-xhieda.

Rat id-dokumenti u l-atti.

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza.

1. Mix-xhieda jirrizulta li l-akkuzat li kellhu problemi fil-familja u li kien ghaddej proceduri kriminali qabad u telaq minn Malta b' daghjsa fit-13 ta' Settembru 2000. Dan jghidu l-akkuzat stess meta xehed quddiem din il-Qorti.

2. Fis-6 ta' Settembru 2001 gie Malta minn Tunez fuq titjira numru UG 300 uipprezenta passaport numru 429793. Dan qalu l-akkuzat fi stqarrija li ghamel quddiem il-Pulizija.

3. L-akkuzat sar cittadin Malti fl-4 ta' Marzu 1994. Fil-15 ta' Marzu 1994 l-akkuzat applika ghall-passaport Malti. It-talba tieghu intlaqet u gie moghti l-passaport fuq imsemmi.

4. Fit-23 ta' mejju 1997 l-akkuzat mar l-ufficcju tal-passaporti u ha mieghu l-passaport u talab li jinbidillu billi kien 'slightly defaced'. Il-passaport gie kancellat u moghti lill-akkuzat. Nhariglu passaport iehor bin-numru 537055, li fotokopja tieghu giet prezentata quddiem din il-Qorti.

5. L-ahhar imsemmi passaport li hu dak validu kien prezentat il-Qorti u ma kienx fil-pussess ta' l-akkuzat la meta "*telaq*" minn Malta u lanqas meta gie. Meta gie lura Malta l-akkuzat wera l-passaport kancellat u gie mizmum mill-Pulizija u akkuzat. L-akkuzat ma setghax johrog minn Malta minhabba proceduri krimnali u ghalhekk ghamel dak li ghamel: jahrab mill-pajjiz u wara jigi lura b'passaport mhux validu.

Ghalhekk il-Qorti ssib l-l-akkuzat hati skond l-akkuza.

Rat l-artikolu 28 tal–Kapitolu 217.

Tikkundanna lill-akkuzat tlett (3) xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqas iz-zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest minhabba dawn il-proceduri.

(ft) Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera kopja M. Mifsud, BA
Deputat Registratur